REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2102

tas-27 ta' Novembru 2019

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni użata fil-kalkolu tal-aġġustament tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/981 ([2]) emenda r-Regolament (UE) 2015/35 ([3]) biex jiġu introdotti aktar prinċipji dwar it-taxxi differiti li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni. Ċerti mudelli li huma stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2452 ([4]) jenħtieġ li jiġu adattati b'kunsiderazzjoni għal dawk l-emendi.

(2) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 jiġi emendat skont dan.

(3) L-emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni użata fil-kalkolu tal-aġġustament għall-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tat-taxxi differiti jibdew japplikaw mill-1 ta' Jannar 2020. L-emendi previsti f'dan ir-Regolament saru b'mod li jinkorpora dawn ir-rekwiżiti fil-mudelli rilevanti stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-istess data.

(4) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol lill-Kummissjoni.

(5) L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqu, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni stabbilit mill-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]),

([1]) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

([2]) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/981 tat-8 ta' Marzu 2019 li jemenda r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35, li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 161, 18.6.2019, p. 1).

([3]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1).

([4]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2452 tat-2 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-proċeduri, il-formati u l-formuli tar-rapport dwar is-solvenza u l-kondizzjoni finanzjarja skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 347, 31.12.2015, p. 1285).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat b'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness II huwa emendat b'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2452 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-mudell S.25.01.21 — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza — għal impriżi bil-Formola Standard, qegħdin jiżdiedu t-tabelli li ġejjin:

"Approċċ għar-rata tat-taxxa

		Iva/Le
		C0109
Approċċ ibbażat fuq ir-rata medja tat-taxxa	R0590	

Kalkolu tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti

		LAC DT
		C0130"
LAC DT	R0640	
LAC DT iġġustifikata bir-riverżjoni tal-obbligazzjonijiet ta' taxxi differiti	R0650	
LAC DT iġġustifikata bir-referenza għal profitt ekonomiku taxxabbli futur probabbli	R0660	
LAC DT iġġustifikata mit-trasferiment lura, sena kurrenti	R0670	
LAC DT iġġustifikata mit-trasferiment lura, snin kurrenti	R0680	
LAC DT Massima	R0690	

(2) fil-mudell S.25.02.21 — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza — għal impriżi li jużaw formola standard u mudell intern parzjali qegħdin jiżdiedu t-tabelli li ġejjin:

"Approċċ għar-rata tat-taxxa

		Iva/Le
		C0109
Approċċ ibbażat fuq ir-rata medja tat-taxxa	R0590	

Kalkolu tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti

		LAC DT
		C0130"
Ammont/stima tal-LAC DT	R0640	
Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a bir-riverżjoni tal-obbligazzjonijiet ta' taxxi differiti	R0650	
Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a bir-referenza għal profitt ekonomiku taxxabbli futur probabbli	R0660	
Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a mit-trasferiment lura, sena kurrenti	R0670	
Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a mit-trasferiment lura, snin kurrenti	R0680	
Ammont/stima tal-LAC DT Massima	R0690	

(3) fil-mudell S.25.03.21 — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza — għal impriżi bil-Mudelli Interni Sħaħ qegħdin jiżdiedu t-tabelli li ġejjin:

"Approċċ għar-rata tat-taxxa

		Iva/Le
		C0109
Approċċ ibbażat fuq ir-rata medja tat-taxxa	R0590	

Kalkolu tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tal-taxxi differiti

		LAC DT
		C0130"
Ammont/stima tal-LAC DT	R0640	
Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a bir-riverżjoni tal-obbligazzjonijiet ta' taxxi differiti	R0650	
Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a bir-referenza għal profitt ekonomiku taxxabbli futur probabbli	R0660	
Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a mit-trasferiment lura, sena kurrenti	R0670	
Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a mit-trasferiment lura, snin kurrenti	R0680	
Ammont/stima tal-LAC DT Massima	R0690	

ANNESS II

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2452 huwa emendat kif ġej:

(1) Fit-taqsima "S.25.01 — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza — għal impriżi bil-formola standard", ir-ringieli li ġejjin qegħdin jiżdiedu fit-tabella:

"Approċċ għar-rata tat-taxxa		
R0590/C0109	Approċċ ibbażat fuq ir-rata medja tat-taxxa	Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 – Iva 2 – Le 3 – Mhux applikabbli għaliex il-LAC DT mhijiex tintuża (f'dan il-każ R0640 sa R0690 mhumiex applikabbli) Ara l-Linji Gwida tal-EIOPA dwar il-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti (EIOPA-BoS-14/177) (*)
Kalkolu tal-aġġustament tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti		
R0640/C0130	LAC DT	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, kif definit fl-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35. L-ammont LAC f'din iċ-ċellola jenħtieġ li jkun l-istess daqs il-valur fiċ-ċellola R0150/C0100 f'S.25.01.
R0650/C0130	Il-LAC DT iġġustifikata bir-riverżjoni tal-obbligazzjonijiet ta' taxxi differiti	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, ikkalkolat skont l-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 kif iġġustifikat bir-riverżjoni tal-obbligazzjonijiet tat-taxxi differiti
R0660/C0130	Il-LAC DT iġġustifikata bir-referenza għal profitt ekonomiku taxxabbli futur probabbli	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, ikkalkolat skont l-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 huwa ġustifikat bir-referenza għall-profitt ekonomiku taxxabbli futur probabbli
R0670/C0130	LAC DT iġġustifikat mit-trasferiment lura, sena kurrenti	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, ikkalkolat skont l-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 huwa ġġustifikat mill-profitti minn snin ta' qabel. L-ammont tat-telf allokat għas-sena ta' wara.
R0680/C0130	Il-LAC DT iġġustifikat mit-trasferiment lura, snin kurrenti	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, ikkalkolat skont l-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 huwa ġġustifikat mill-profitti minn snin ta' qabel. L-ammont tat-telf allokat għas-sena ta' wara.
R0690/C0130	LAC DT Massimu	L-ammont massimali tal-LAC DT li jista' jkun disponibbli, qabel ma ssir il-valutazzjoni dwar jekk iż-żieda tal-assi netti ta' taxxa differita tkunx tista' tintuża għall-finijiet tal-aġġustament, kif previst fl-Artikolu 207 (2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35

(*) Il-Linji gwida EIOPA-BoS-14/177 tat-2 ta' Frar 2015 dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti (https://eiopa.europa.eu/publications/eiopa-guidelines/guidelines-on-the-loss-absorbing-capacity-of-technical-provisions-and-deferred-taxes).";

(2) Fit-taqsima "S.25.02 — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza — għal impriżi li jużaw formola standard u mudell intern parzjali", ir-ringieli li ġejjin jiżdiedu fit-tabella:

"**Approċċ għar-rata tat-taxxa**		
R0590/C0109	Approċċ ibbażat fuq ir-rata medja tat-taxxa	Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 – Iva 2 – Le 3 – Mhux applikabbli għaliex il-LAC DT mhijiex tintuża (f'dan il-każ R0640 sa R0690 mhumiex applikabbli) Ara l-Linji Gwida tal-EIOPA dwar il-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti (EIOPA-BoS-14/177)

Kalkolu tal-aġġustament tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti		
R0640/C0130	Ammont/stima tal-LAC DT	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, kif ikkalkolat skont l-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35. L-ammont LAC f'din iċ-ċellola jenħtieġ li jkun l-istess daqs il-valur fiċ-ċellola R0310/C0100 f'S.25.02.
R0650/C0130	Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a bir-riverżjoni tal-obbligazzjonijiet ta' taxxi differiti	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, ikkalkolat skont l-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 kif iġġustifikat bir-riverżjoni tal-obbligazzjonijiet tat-taxxi differiti
R0660/C0130	Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a bir-referenza għal profitt ekonomiku futur probabbli taxxabbli	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, ikkalkolat skont l-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 huwa ġustifikat bir-referenza għall-profitt ekonomiku taxxabbli futur probabbli
R0670/C0130	Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a mit-trasferiment lura, sena kurrenti	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, ikkalkolat skont l-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 huwa ġġustifikat mill-profitti minn snin ta' qabel. L-ammont tat-telf allokat għas-sena ta' wara.
R0680/C0130	Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a mit-trasferiment lura, snin kurrenti	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, ikkalkolat skont l-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 huwa ġġustifikat mill-profitti minn snin ta' qabel. L-ammont tat-telf allokat għas-sena ta' wara.
R0690/C0130	Ammont/stima tal-LAC DT Massima	L-ammont massimali tal-kapaċità tal-assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti li jista' jkun disponibbli, qabel ma ssir il-valutazzjoni dwar jekk iż-żieda tal-assi netti ta' taxxa differita tkunx tista' tintuża għall-finijiet tal-aġġustament, kif previst fl-Artikolu 207(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35"

(3) fit-taqsima "S.25.03 — Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza — għal gruppi li jużaw mudell intern sħiħ", ir-ringieli li ġejjin qegħdin jiżdiedu fit-tabella:

"R0590/C0109	Approċċ ibbażat fuq ir-rata medja tat-taxxa	Għandha tintuża waħda mill-għażliet li ġejjin f'din il-lista magħluqa: 1 – Iva 2 – Le 3 – Mhux applikabbli għaliex il-LAC DT mhijiex tintuża (f'dan il-każ R0640 sa R0690 mhumiex applikabbli) Ara l-Linji Gwida tal-EIOPA dwar il-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tal-provvedimenti tekniċi u t-taxxi differiti (EIOPA-BoS-14/177)
Kalkolu tal-aġġustament tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti		
R0640/C0130	Ammont/stima tal-LAC DT	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, kif definit fl-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35. L-ammont LAC f'din iċ-ċellola jenħtieġ li jkun l-istess daqs il-valur fiċ-ċellola R0310/C0100 f'S.25.02.
R0650/C0130	Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a bir-riverżjoni tal-obbligazzjonijiet ta' taxxi differiti	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, kif ikkalkolat skont l-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 kif iġġustifikat bir-riverżjoni tal-obbligazzjonijiet tat-taxxi differiti
R0660/C0130	Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a bir-referenza għal profitt ekonomiku futur probabbli taxxabbli	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, kif ikkalkolat skont l-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 huwa ġustifikat bir-referenza għall-profitt ekonomiku taxxabbli futur probabbli
R0670/C0130	Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a mit-trasferiment lura, sena kurrenti	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, ikkalkolat skont l-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 huwa ġġustifikat mill-profitti minn snin ta' qabel. L-ammont tat-telf allokat għas-sena ta' wara.

R0680/C0130	Ammont/stima tal-LAC DT iġġustifikat/a mit-trasferiment lura, snin futuri	L-ammont tal-kapaċità ta' assorbiment ta' telf tat-taxxi differiti, ikkalkolat skont l-Artikolu 207 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35 huwa ġġustifikat mill-profitti minn snin ta' qabel. L-ammont tat-telf allokat għas-sena ta' wara.
R0690/C0130	Ammont/stima tal-LAC DT Massima	L-ammont massimali tal-kapaċità tal-assorbiment tat-telf ta' taxxi differiti li jista' jkun disponibbli, qabel ma ssir il-valutazzjoni dwar jekk iż-żieda tal-assi netti ta' taxxa differita tkunx tista' tintuża għall-finijiet tal-aġġustament, kif previst fl-Artikolu 207(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/35".